MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 27/2002

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Frances Vella f'isimha u bhala prokuratrici ta' Carmela Mattison, Rita Farrugia, Vincent Camilleri, Gaetana Aquilina, Sylvia Cuatjar lkoll ghall-utile dominju perpetwu.**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 14 t'April 1994 fejn gew offerti l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu l-fond numru 38 il-Bajja s-Sabiha, Bizebbuga huwa ta' elf disgha mija erba u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,994.50) kif jidher mir-rapport tal-perit Oscar Caruana Montalto A&CE tat-31 ta'

Mejju 2003 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-26 t'April 1994 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma accettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi huma jinsistu ghall-kumpens ta' hamsin elf lira (Lm50,000) billi fil-fond inkwistjoni ghandu valur fis-suq li jaccedi bil-bosta din il-figura.

Illi l-offerta ta' Lm1,994.50 maghmula mill-Kummissaju tal-Art hija tant baxxa li ma tiastax tissejjah offerta serja.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Godfrey Vella u l-Perit AIC Michael Refalo, assenjati minn dana l-Bord bhala membri teknici biex jassistuh, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tal-kundizzjoni tal-fond in kwestjoni, ghandu jkun ta’ disa u tletin elf u hames mitt lira (LmLm39,500)

Illi l-ammont ta’ Lm39,500 fil-valuta maltija tal-lum jekkwivali ghall-Euro 92,010.25 (tnejn u disghin elf, u ghaxar euro u hamsa u ghoxrin centezmu);

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-fond li tirrazzenta l-fierah u l-assurd fl-ammont ta’ Lm1,994.50 ghall-espropriazzjoni tal-fond b’xiri assolut bhala liberu u frank fiwaqt illi l-intimati kienu ghamlu talba aktar rejali ta’ Lm50,000.

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jitrasferixxu b’titolu ta’ xiri assolut bhala frank u liberu l-fond bin-numru 38, Il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia bil-kumpens ta’ **Euro 92,010.25** (tnejn u disghin elf, u ghaxar euro u hamsa u ghoxrin centezmu). Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-23 t’April, 2008 fis-2.00pm fl-ufficju tar-rikorrenti u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------